**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**
**(ĠURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Rikors Numru 639/2022/1 NC**

**Albert Picco,Victor Zarb u**
**Union of Professional Educators**

**vs.**

**L-Avukat tal-Istat,**
**Ministeru tat-Turiżmu u**
**Institute of Tourism Studies**

Illum it-22 ta' Diċembru 2022

Il-Qorti,

Reġgħet rat ir-Rikors tar-rikorrenti Albert Picco et (*a fol.* 1 *et seq.*) ippreżentat fil-5 ta' Diċembru 2022 fejn talbu lil din il-Qorti s-segwenti:

*"Għaldaqstant l-esponenti jitolbu umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha toħroġ ordni ad interim biex il-proċeduri ta' dixxiplina maħsuba kontra l-esponenti jiġu sospiżi sakemm jiġu finalment deċiżi*

*dawn il-proċeduri u dan taħt dawk il-provedimenti li jidrilha xierqa u opportuni."*

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan ir-Rikors, inkluż dawk tar-Rikors Kostituzzjonali ppreżentat fil-5 ta' Diċembru 2022 (Kawża Numru 639/2022 NC).

Rat id-digriet tagħha (*a fol.* 8) tal-5 ta' Diċembru 2022 fejn il-Qorti ordnat notifika tar-Rikors lill-intimati li ġew mogħtija żmien ħamest (5) ijiem minn notifika sabiex jippreżentaw ir-Risposta tagħhom.

Rat ir-Risposta konġunta tal-intimat Avukat tal-Istat u l-Ministeru Tat-Turiżmu (*a fol.* 9 *et seq.*) ippreżentata fid-9 ta' Diċembru 2022 fejn, fost l-oħrajn, oġġezzjonaw għat-talba hekk kif kontenuta fir-Rikors promutur.

Rat ir-Risposta tal-intimat Institute of Tourism Studies (*a fol.* 13 *et seq.*) ippreżentata fit-12 ta' Diċembru 2022 fejn anke hija oġġezzjonat għat-talba hekk kif kontenuta fir-Rikors promutur.

Semgħet, fis-seduta tal-14 ta' Diċembru 2022, is-sottomissjonijiet finali tal-konsulenti legali tal-partijiet.

Rat illi, fis-seduta tal-14 ta' Diċembru 2022, il-Qorti ħalliet ir-Rikors għal-lum sabiex jingħata l-provvediment dwar it-talba hawn fuq imsemmija.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tinnota illi dan huwa provvediment dwar talba għall-ħruġ ta' miżura proviżorja *ossia interim measure* u, f'dan il-każ, dak li qed jintalab huwa li din il-Qorti tordna li l-proċeduri ta' dixxiplina maħsuba kontra r-rikorrenti Picco u Zarb jiġu sospiżi sakemm jiġi finalment deċiż ir-Rikors Kostituzzjonali ppreżentat minnhom fil-5 ta' Diċembru 2022.

Illi l-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali (inkluż dawk tar-Rikors Kostituzzjonali ppreżentat fil-5 ta' Diċembru 2022) jirriżulta s-segwenti:

- Ir-rikorrenti Picco u Zarb huma impjegati mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni bħala għalliema u huma msieħba mal-Union rikorrenti.

- Riċentement inqalgħet disputa peress li l-Istitut intimat irrikjeda li l-għalliema jgħallmu studenti tal-*foundation* flimkien mal-klassijiet tad-diploma u li da parte tagħhom ir-rikorrenti jilmentaw li dak mitlub qed jarreka diffikultajiet kemm ta' saħħa u sigurta' u kif ukoll minħabba d-differenza fil-livelli tal-istudenti.

- Il-Union rikorrenti tat direttivi lill-membri tagħha li huma milquta direttament, fosthom ir-rikorrenti Picco u Zarb, dwar din il-kwistjoni msemmija fil-paragrafu preċedenti.

- Permezz ta' ittri elettronika (Dok. "A" – *a fol.* 3 *et seq.* u Dok. "B" – *a fol.* 5 *et seq.*) tad-19 ta' Novembru 2022 ir-rikorrenti Picco u Zarb ġew infurmati separatament mill-Kap Eżekuttiv tal-Istitut intimat li l-istess Istitut intimat kien qed jinvoka Artikolu 1(m) ta' Appendiċi "E" tal-Ftehim Kollettiv (*"Gross Misconduct"*: Dok. "ITS 1" – *a fol.* 19 *et seq.*) u konsegwentement kienu ser jinbdew proċeduri ta' dixxiplina kontra l-istess rikorrenti minħabba l-azzjonijiet industrijali li qed jieħdu fuq direttiva tal-Union rikorrenti li jinsabu msieħba fiha u ġew infurmati wkoll li setgħu jkollhom persuna li tassistihom f'dawn il-proċeduri u li l-Bord ta' Dixxiplina kien ser jagħti d-deċiżjoni finali tiegħu.

- Mir-Rikors jirriżulta li l-proċeduri ta' dixxiplina kellhom jibdew fis-6 ta' Diċembru 2022 u ċioè l-għada li ġie ppreżentat ir-Rikors għal miżura proviżorja. Waqt is-sottomissjonijiet finali dwar ir-Rikors hekk kif mismugħa fl-14 ta' Diċembru 2022, il-Qorti ġiet infurmata li l-proċeduri ta' dixxiplina ma kienux nbdew proprju minħabba t-talba odjerna.

- Da parte tagħhom, ir-rikorrenti:

  - fir-Rikors Kostituzzjonali *per se* jilmentaw li Artikolu 5 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.112 tal-Liġijiet ta' Malta (Regolamenti Dwar Rikonoxximent tat-*Trade Unions*) jilledi d-drittijiet fundamentali tagħhom kif sanċiti f'Artikolu 42 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u f'Artikolu 11 tal-Konvenzjoni Ewropea;

  - fir-Rikors promutur odjern jitolbu li l-miżuri ta' dixxiplina li qed jinbdew kontra tagħhom jiġu sospiżi sakemm tiġi deċiża l-kwistjoni prinċipali fir-Rikors Kostituzzjonali.

- Da parti tagħhom, l-intimati Avukat tal-Istat u l-Ministeru tat-Turiżmu oġġezzjonaw għat-talba in eżami mressqa mir-rikorrenti minħabba s-segwenti:

  - huma m'humiex il-leġittimi kontradittiri għat-talba hekk kif imressqa mir-rikorrenti minħabba li l-prinċipal tar-rikorrenti huwa l-Institute of Tourism Studies u l-azzjoni ta' dixxiplina hija fil-mansjoni tiegħu;

  - sabiex talba għal miżura *ad interim* tirnexxi jrid jintwera li hemm riskju imminenti u reali fuq il-persuna li tkun qed titolbu b'dana illi tali miżura għandha tingħata b'mod eċċezzjonali u ristrett;

  - sabiex tkun tista' tintlaqa' tali miżura jrid jintwera mir-rikorrenti li:

    (a) għandhom dritt *prima facie* li nkiser;

    (b) hemm ħsara rrimedjabbli fil-każ fejn ma tinħariġx miżura proviżorja;

    (ċ) jeżisti riskju imminenti;

    (d) tkun sejra seħħ ħsara li ma tistax titreġġa lura;

(e) f'każ li jkun hemm ġudikat xorta jista' jingħata r-rimedju proviżorju;

- dak li r-rikorrenti qed jitolbu li jiġi sospiż għad jrid jibda u f'kull każ ir-rikorrenti jistgħu jappellaw quddiem il-Bord tal-Appell skont Artikolu 10 ta' Appendiċi "E" tal-Ftehim Kollettiv (*"Gross Misconduct"*: Dok. "ITS 1" – *a fol.* 19 *et seq.*) u minbarra dan ir-rikorrenti jistgħu sussegwentement jipproċedu kontra kull eventwali deċiżjoni quddiem il-Qrati u Tribunali Maltin;

- hemm differenza bejn Mandat ta' Inibizzjoni u miżura *ad interim* minħabba li din ta' l-aħħar hija ntiża sabiex tipproteġi lir-rikorrenti fil-każ ta' periklu imminenti u għalhekk ma għandhiex il-funzjoni ta' Mandat ta' Inibizzjoni hekk kif qed jippruvaw jużawha r-rikorrenti;

- fil-każ odjern ma hemmx riskju ta' ħsara reali imminenti u irreparabbli fuq il-ħajja tal-persuni in kwistjoni u f'dan il-każ ma hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali.

- Da parti tiegħu, l-Istitut intimat oġġezzjona għat-talba in eżami mressqa mir-rikorrenti minħabba s-segwenti:

    - ir-rikorrenti ma għamlux użu mir-rimedji ordinarji;

    - il-proċeduri ta' dixxiplina ttieħdu f'kuntest ta' *jure gestionis* u għalhekk japplikaw ir-regoli industrijali u mhux dawk kostituzzjonali;

    - rimedju proviżorju jingħata f'każ fejn hemm riskju imminenti u reali u għandu jkun mezz eċċezzjonali u straordinarju;

    - irid jintwera mir-rikorrenti li *prima facie* qed jinkisrilhom xi dritt;

    - fl-ebda punt ma ġie ndikat fejn tinstab il-kwistjoni gravi jew ta' urġenza li toħloq ħsara reali u rreparabbli.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tat-talba għal miżura proviżorja hawn fuq imsemmija.

Illi l-għan ta' miżura proviżorja hekk kif maħsuba f'Artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta u f'Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta hija intiża sabiex tagħti s-setgħa lill-Qorti twaqqaf milli ssir ħsara li ma tkunx tista' tissewwa fejn hemm ksur tal-jeddijiet fundamentali tal-individwu. Fil-każ odjern, il-jedd li r-rikorrenti qed jilmentaw li jista' jinkiser huwa l-jedd ta' liberta' ta' għaqda u assoċjazzjoni hekk kif sanċit mill-Artikolu 42 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni għad-Drittijiet tal-Bniedem. F'dan ir-rigward dak li qed jitolbu r-rikorrenti huwa li jkun hemm sospensjoni ta' kwalunkwe proċeduri ta' dixxiplina sakemm tiġi deċiża t-talba ewlenija tagħhom, u ċioè t-talba li Artikolu 5 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.112 tal-Liġijiet ta' Malta jmur kontra Artikolu 42 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Artikolu 11 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Illi l-eżerċizzju li trid tagħmel il-Qorti fil-kuntest ta' miżura proviżorja hija analiżi *prima facie* fejn ir-rikorrenti jkunu jridu jipprovaw li għandhom każ fejn, mad-daqqa t'għajn, sejrin jinkisru d-drittijiet fundamentali tagħhom. F'dan ir-rigward issir riferenza għall-provvediment mogħti fid-9 ta' Ġunju 2016 fil-kawża fl-ismijiet **Rosette Thake u Dottoressa Anna Fenech pro et noe et vs. L-Onor. Prim Ministru et** (Numru 50/2016/1) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet is-segwenti:

> "biex jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ *prima facie* ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-għoti tal-miżura provviżorja sejra ġġib ħsara li ma titreġġax lura fil-każ tiegħu.[1]"

[1] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory & Practice of the European Convention on Human Rights (4th Edit, 2006) § 2.2.8.3, p. 113.

Illi dan ir-raġunament ġie rifless f'provvedimenti oħra bħal provvediment mogħti fit-2 ta' Ġunju 2014 fl-ismijiet **Emanuel Camilleri vs. Spettur Louise Calleja et** (Numru 50/2013) fejn ġie spjegat is-segwenti:

> "Illi l-miżuri provviżorji huma maħsuba biex iżommu milli ssir ħsara li ma tissewwiex lil vittma ta' ksur ta' jedd fundamentali b'tali mod li ma jsir xejn li jista' jxejjen jew inaqqas mill-awtorita' u l-effikaċja tas-sentenza li tingħata dwar l-istess ilment[2]. F'dan ir-rigward, biex jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ *prima facie* ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-għoti tal-miżura provviżorja sejra ġġib ħsara li ma titreġġax lura fil-każ tiegħu[3]. Għalhekk, m'huwiex biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi sitwazzjoni ipotetika jew li mhix ċerta li sseħħ. Minħabba f'hekk, l-għoti ta' provvediment proviżorju f'kawża ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali jitlob li jintwerew ċirkostanzi eċċezzjonali li jagħmluh meħtieġ.[4]" [emfażi miżjuda]

Illi huwa prinċipju assodat f'ġurisprudenza kemm tal-Qrati nostrana u kif ukoll anke tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem illi tali miżuri ma jiġux akkordati għalxejn jew b'kapriċċ iżda jingħataw f'każijiet fejn ikun hemm periklu illi bil-prosegwiment naturali tal-proċeduri ser ikomplu jiġu ppreġudikati d-drittijiet fundamentali tal-persuna illi tkun qed tallega leżjoni tal-istess. Ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Mamatkulov and Askarov v. Turkey**[5] illi:

> *"104. Interim measures have been indicated only in limited spheres. Although it does receive a number of requests for*

---

[2] Q.E.D.B. 6.2.2003 fil-kawża fl-ismijiet **Mamatkulov et vs. Turkija** (Applik. Numru. 46837/99) § 110.

[3] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory & Practice of the European Convention on Human Rights (4th Edit, 2006) § 2.2.8.3, p. 113.

[4] Deg P.A. (Kost.) AE 16.4.2014 fil-kawża fl-ismijiet **Daniel Alexander Holmes vs. Avukat Ġenerali et**.

[5] Appl Nr 46827/99 and 46951/99, European Court of Human Rights (Grand Chamber), Reports of Judgements and Decisions 2005-I, 4 February 2005. Ara wkoll **Shamayev and Others v. Georgia and Russia**, Appl Nr 36378/02, European Court of Human Rights (Second Section), Reports of Judgements and Decisions 2005-III, 12 April 2005, § 473.

*interim measures, in practice the Court applies Rule 39 only if there is an imminent risk of irreparable damage. While there is no specific provision in the Convention concerning the domains in which Rule 39 will apply, requests for its application usually concern the right to life (Article 2), the right not to be subjected to torture or inhuman treatment (Article 3) and, exceptionally, the right to respect for private and family life (Article 8) or other rights guaranteed by the Convention. The vast majority of cases in which interim measures have been indicated concern deportation and extradition proceedings.*

*[...]*

*108. In cases such as the present one where there is plausibly asserted to be a risk of irreparable damage to the enjoyment by the applicant of one of the core rights under the Convention, the object of an interim measure is to maintain the status quo pending the Court's determination of the justification for the measure. As such, being intended to ensure the continued existence of the matter that is the subject of the application, the interim measure goes to the substance of the Convention complaint. As far as the applicant is concerned, the result that he or she wishes to achieve through the application is the preservation of the asserted Convention right before irreparable damage is done to it. Consequently, the interim measure is sought by the applicant, and granted by the Court, in order to facilitate the "effective exercise" of the right of individual petition under Article 34 of the Convention in the sense of preserving the subject matter of the application when that is judged to be at risk of irreparable damage through the acts or omissions of the respondent State".* [emfażi miżjuda]

**Ikkunsidrat**

Illi qabel il-Qorti tindirizza l-punti relatati mat-talba *per se* għal miżura proviżorja jkun opportun li l-Qorti tinnota li hija tal-fehma li f'dan l-istadju ma għandhiex tidħol fil-kwistjoni sollevata mill-intimat Avukat tal-Istat u mill-intimat Ministeru tat-Turiżmu fejn fit-tielet (3) eċċezzjoni tagħhom hekk kif kontenuta fir-Risposta

tagħhom jisħqu li huma m'humiex il-leġittimi kontradditturi għat-talba mressqa mir-rikorrenti u dana stante li l-qofol tar-Rikors promutur odjern huwa xi ħaġa oħra u l-Qorti trid tevita kemm tista' milli tidħol f'konsiderazzjonijiet li jistgħu jitqajjmu fir-Risposti eventwali tal-intimati għar-Rikors Kostituzzjonali *per se*.

**Ikkunsidrat**

Illi waqt is-smigħ tas-sottomissjonijiet orali li nstemgħu fis-seduta tal-14 ta' Diċembru 2022 wieħed mill-konsulenti legali tar-rikorrenti, sabiex isostni t-talba tar-rikorrenti għal ħruġ ta' miżura proviżorja, għamel riferenza għal provvediment mogħti minn din il-Qorti diversament preseduta fit-28 ta' Ġunju 2022 fil-kawża fl-ismijiet **XNT Limited vs. Il-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja et** (Numru 300/2022). Din il-Qorti, wara li qrat bir-reqqa dan il-provvediment, ma hijiex tal-fehma li huwa applikabbli għal każ odjern minħabba li l-konklużjonijiet ta' dan il-provvediment huma msejsa fuq il-punt li r-rimedji li kienu applikabbli ma kienux jindirizzaw it-talba tar-rikorrenti. Dan huwa rifless fis-segwenti:

> "Illi mingħajr ma' l-Qorti tidħol fil-mertu tal-każ odjern, huwa ovvju li r-rimedju tal-appell mill-multa mposta ma jagħti l-ebda rimedju għall-ilmenti tas-soċjeta' rikorrenti dwar l-allegat ksur ta' drittijiet fundamentali stante li hija din il-Qorti li għandha l-ġurisdizzjoni sabiex tagħmel hekk. L-ilment tar-rikorrenti huwa li l-liġi li tagħti l-poter lill-Korp intimat li jinvestiga l-aġir tar-rikorrenti, fl-istess ħin hu stess jieħu deċiżjoni u jimponi l-piena tilledi d-dritt tar-rikorrenti għal smigħ xieraq."

Illi fil-każ odjern jekk il-proċess ta' dixxiplina jieħu l-*iter* tiegħu u jasal fit-tkeċċija tar-rikorrenti b'mod li fil-fehma tar-rikorrenti huwa inġust, dawn xorta jkollhom il-possibilita' li jitolbu rimedju quddiem it-Tribunal Industrijali u sussegwentement quddiem il-Qorti tal-Appell hekk kif stabbilit f'Artikoli 73 u 82 tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta (Att Dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali). Għalhekk il-Qorti hija tal-fehma li l-każ hawn fuq ikkwotat m'huwiex applikabbli għat-talba odjerna.

**Ikkunsidrat**

Illi l-istħarriġ li trid tagħmel il-Qorti sabiex tiddetermina jekk l-għoti ta' miżura proviżorja hijiex mistħoqqa ġie spjegat b'mod ċar fil-provvediment mogħti fis-16 ta' Ġunju 2020 fl-kawża fl-ismijiet **HSBC Bank (Malta) p.l.c. vs L-Avukat tal-Istat et** (Numru 227/2019) fejn il-Qorti għamlet lista ta' l-elementi u tat spjegazzjoni ta' meta l-Qorti tista' takkorda miżura proviżorja. F'dan il-provvediment ingħad hekk:

> "Mill-prattika ta' dawn il-Qrati, jistgħu jinsiltu għadd ta' linji-gwida fl-għoti *o meno* ta' *interim measures.* B'mod ġenerali, dawn isegwu l-orjentament tal-Qorti Ewropea, iżda hemm istanzi fejn jagħtu r-rimedji wkoll fejn il-Qorti ta' Strasburgu aktarx ma takkordax *interim measures*:
>
> 1. Ir-rimedju jingħata biss meta ma jkun hemm l-ebda rimedju ordinarju a disposizzjoni tar-rikorrent.[6] [...]
>
> 2. Biex ikun jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ *prima facie* ta' ksur ta' jedd fundamentali. Mhux biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi sitwazzjoni ipotetika jew li mhux ċerta li sseħħ[7];
>
> 3. Tkun sejra sseħħ ħsara li ma tkunx tista' titreġġa' lura għall-interessi vitali tal-parti kkonċernata jew għall-perkors tal-eżami li l-Qorti jkun jinħtiġilha tagħmel.[8] Ingħad f'dan il-kuntest li l-għoti tal-*interim order* jingħata biss eċċezzjonalment f'każijiet ta' "urġenza estrema".[9] [...]
>
> 4. L-eżistenza ta' riskju imminenti, li għalhekk jimmerita t-teħid ta' miżuri urġenti. [...]

[6] **Mark Formosa vs. L-Avukat Generali** 14.12.2017 Prim'Awla (Kost.) *coram* Onor. Imħ. Jacqueline Padovani Grima.
[7] **Emanuel Camilleri vs. Spett. Louise Calleja** 02.06.2014 Prim'Awla (Kost.).
[8] **Rosette Thake vs. Prim Ministru** 09.06.2016 Prim'Awla (Kost) JRM.
[9] **Federation of Estate Agents vs. Direttur Ġenerali** (Kompetizzjoni) 25.09.2014 Qorti Kostituzzjonali.

> 5. <u>Fil-każ li jkun hemm ġudikat, xorta jista' jingħata r-rimedju proviżorju, iżda biss f'każijiet verament eċċezzjonali</u>."

Illi stabbiliti dawn l-elementi hawn fuq imsemmija, il-Qorti ser tistħarriġhom wieħed wieħed ħalli tara jekk japplikawx għat-talba in eżami.

<u>Ir-Rimedju Jingħata Biss Meta Ma Jkun Hemm L-Ebda Rimedju Ordinarju A Dispożizzjoni Tar-Rikorrent</u>:
Illi r-rikorrenti jilmentaw li jekk il-proċeduri ta' dixxiplina jitħallew jitkomplu jista' jkun li huma jitkeċċew. Minn analiżi li għamlet din il-Qorti tal-Ftehim Kollettiv (Dok. "ITS 1" – *a fol.* 19 *et seq.*) jirriżulta li mid-deċiżjoni tal-Bord ta' Dixxiplina jeżisti dritt ta' appell hekk kif stabbilit f'Artikolu 10 ta' Appendiċi "E" (*"Gross Misconduct"*: Dok. "ITS 1" – *a fol.* 19 *et seq.*). Minbarra dan, waqt il-proċess tal-appell id-deċiżjoni tal-Bord ta' Dixxiplina tiġi sospiża hekk kif provdut f'Artikolu 3 ta' Appendiċi "E" tal-istess Ftehim Kolletiv (*"Appeals and Redress"*: Dok. "ITS 1" – *a fol.* 19 *et seq.*). Fl-agħar eventwalita', anke jekk il-proċess ta' dixxiplina jwassal għat-tkeċċija tar-rikorrenti Picco u Zarb dawn għandhom kull jedd jappellaw quddiem it-Tribunal Industrijali u l-Qorti tal-Appell hekk kif indikat aktar 'il fuq f'din is-sentenza.

Illi kkunsidrat dan kollu, il-Qorti mhijiex konvinta li ma jeżistix rimedju ieħor sabiex ir-rikorrenti jkunu jistgħu jikkontestaw il-proċess ta' dixxiplina. F'dan ir-rigward il-Qorti terga' tagħmel riferenza għal provvediment fl-ismijiet **Rosette Thake u Dottoressa Anna Fenech pro et noe vs. L-Onor. Prim Ministru et** (Numru 50/2016/1) li diġa' sar riferenza għalih aktar 'il fuq, fejn ingħad hekk:

> "Illi minbarra dan, il-Qorti ttenni li l-proċedura tal-lum trid tintuża fejn tassew hija maħsuba li tintuża u ma għandhiex issir bħalli kieku talba għal provvediment kawtelatorju li dwaru l-liġi tagħti rimedji oħrajn. Kemm hu hekk jinsab mgħallem b'awtorita' li *"an indication under Rule 39 will not*

*be given if it is still possible to apply for domestic remedies with suspensive effects"*[10]".

Illi għalhekk il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrenti setgħu jagħmlu użu minn rimedju ordinarju fin-natura ta' att kawtelatorju.

Biex Ikun Jista' Jingħata Rimedju Proviżorju, Jeħtieġ Li Min Jitolbu Juri Li Hemm Każ *Prima Facie* Ta' Ksur Ta' Jedd Fundamentali:
Illi, kif diġa' ngħad aktar 'il fuq, l-eżerċizzju li trid tagħmel il-Qorti fil-kuntest ta' miżura proviżorja hija analiżi *prima facie* fejn ir-rikorrent ikun jrid jipprova li għandu każ fejn, mad-daqqa t'għajn, sejrin jinkisru d-drittijiet fundamentali tiegħu.

Illi dwar il-ksur tal-jedd fundamentali, l-intimati jgħidu li ma tressqet l-ebda prova dwar dan u li l-Istitut intimat qed jaġixxi *jure gestionis* u mhux *jure imperi*.

Illi b'żieda mal-provvediment fl-ismijiet **Rosette Thake u Dottoressa Anna Fenech pro et noe et vs. L-Onor. Prim Ministru et** (Numru 50/2016/1) u mal-provvediment l-ieħor fl-ismijiet **Emanuel Camilleri vs. Spettur Louise Calleja et** (Numru 50/2013), liema provvedimenti diġa' ġew kkwotati aktar 'il fuq, il-Qorti ser tkompli bl-istħarriġ tagħha biex tara jekk ir-rikorrenti għandhomx jedd *prima facie*.

Illi l-Qorti tinnota li *prima facie* l-Istitut intimat qed jaġixxi skont ma jipprovdi l-Ftehim Kollettiv u għalhekk *prima facie* qed jeżerċitaw jedd mogħti lilhom mill-istess ftehim. Fit-tieni lok ir-rikorrenti ma nstabux ħatja ta' xi ksur. Li hemm f'dan l-istadju huwa ilment minn naħa tal-*management* kontra l-imġieba tar-rikorrenti Picco u Zarb. Huwa plawsibbli li dawn l-istess ilmenti jitqajjmu quddiem il-Bord ta' Dixxiplina u dan jikkunsidrahom b'dana illi jsib li l-imġieba tal-Istitut intimat jew il-kondizzjonijiet tal-Ftehim Kollettiv humiex fil-fatt abbużivi jew le.

---

[10] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory & Practice of the European Convention on Human Rights (4th Edit, 2006) § 2.2.8.3, p. 119.

Illi, meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad, il-Qorti hija tal-fehma li ma jissussistix l-element tal-*prima facie* sabiex tiġi milqugħa talba bħal dik odjerna.

Tkun Sejra Sseħħ Ħsara Li Ma Tkunx Tista' Titreġġa' Lura Għall-Interessi Vitali Tal-Parti Konċernata Jew Għall-Perkors tal-Eżami li l-Qorti jkun Jinħtiġilha Tagħmel:

Illi huwa prinċipju assodat f'ġurisprudenza kemm tal-Qrati nostrana u kif ukoll anke tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem illi tali miżuri ma jiġux akkordati għalxejn jew b'kapriċċ, iżda jingħataw f'każijiet fejn ikun hemm periklu lill-interess vitali ta' min jitlob tali rimedju.

Illi f'dan il-kuntest issir riferenza għal provvediment mogħti fid-9 ta' Jannar 2017 fil-kawża fl-ismijiet **Angelo Frank Paul Spiteri vs. L-Avukat Ġenerali** (Numru 45/16) fejn il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk:

> "26. Fl-ewwel lok jiġi ribadit minn din il-Qorti li f'materja tal-hekk imsejjħa *interim measures* huwa ċar l-insenjament ta' din il-Qorti li tali miżuri għandhom jittieħdu biss f'każijiet ta' urġenza u saħansitra f'każijiet ta' "urġenza estrema" fejn in-nuqqas ta' teħid ta' tali miżuri jirriżulta, jew jazzarda li jirriżulta, fi ħsara irreparabbli għall-interessi vitali tal-parti konċernata jew għall-perkors tal-eżami li l-Qorti jkun jeħtiġilha tagħmel.[11] Din il-Qorti rriteniet ukoll li miżuri *ad interim* huma indikati f'każijiet eċċezzjonali.[12] [Q. Kost. **Federation of Estate Agents v. Direttur Ġenerali** [Kompetizzjoni, deċiża 25 ta' Settembru 2014]."

Illi apparti dak li ġie kwotat aktar 'il fuq f'dan il-provvediment meta saret riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **Mamatkulov and Askarov v. Turkey**, il-Qorti tagħmel riferenza għall-*Factsheet* ippubblikata f'Ġunju 2022 mill-*Press Unit* tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fejn dwar *interim measures* tispjega s-segwenti:

[11] Ara Q. Kost. **Joseph Camilleri vs. Avukat Generali**, 1/7/2013, li ċċitat b'approvazzjoni mill-ktieb "Theory and Practice of the European Convention on Human Rights" ta' Van Dijk et (4 ediz. 2006, paġna 113).

[12] Ara Q. Kost. **Joseph Ruggier et vs. Joseph Olivier Ruggier et**, 22/8/2005 #7, #11.

> *"The European Court of Human Rights may, under Rule 39 of its Rules of Court, indicate interim measures to any State party to the European Convention on Human Rights. Interim measures are urgent measures which, according to the Court's well-established practice, apply only where there is an imminent risk of irreparable harm. Such measures are decided in connection with proceedings before the Court without prejudging any subsequent decisions on the admissibility or merits of the case in question.*
>
> *In the majority of cases, the applicant requests the suspension of an expulsion or an extradition.*
>
> *The Court grants requests for interim measures only on an exceptional basis, when applicants would otherwise face a real risk of serious and irreversible harm*[13]*. Such measures are then indicated to the respondent Government. However, it is also possible for the Court to indicate measures under Rule 39 to applicants*[14]*."*

Illi fl-istess *Factsheet* hemm elenkati b'mod ġenerali l-każijiet fejn il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem akkordat miżura proviżorja. Minn din il-*factsheet* il-Qorti ma sabitx każ fejn il-miżura interim intlaqgħet fuq applikazzjoni ta' Artikolu 11 tal-Konvenzjoni Ewropea. Ġeneralment il-każijiet fejn din it-talba intlaqgħet huma marbuta ma' sitwazzjonijiet ferm aktar estremi minn dawk riprodotti fir-Rikors odjern.

[13] In the case *Rackete and Others v. Italy* (no. 32969/19), for example, the Court decided, in June 2019, not to indicate to the Italian Government an interim measure requiring that the applicants (nationals of Niger, Guinea, Cameron, Mali, Ivory Coast, Ghana, Burkina Faso and Guinea-Conakry) be authorised to disembark in Italy from the ship Sea-Watch 3; at the same time, however, the Court indicated to the Government that it was relying on the Italian authorities to continue to provide all necessary assistance to those persons on board Sea-Watch 3 who were in a vulnerable situation on account of their age or state of health (see press release of 25 June 2019).

[14] For example, in the case of *Ilaşcu and Others v. the Republic of Moldova and Russia*, where the Court asked one of the applicants to stop a hunger-strike (see paragraph 11 of the Grand Chamber judgment of 8 July 2004). See also the *Rodić and Others v. Bosnia and Herzegovina* judgment of 27 May 2008. More recently, in the case *Saakashvili v. Georgia* (no. 54641/21), currently pending before it, the Court urged the applicant to call off his hunger strike and, at the same time, it indicated to the Government of Georgia to inform it about the applicant's current state of health, to ensure his safety in prison, and to provide him with appropriate medical care for the post-hunger-strike recovery period (see press release of 16 November 2021).

Illi kkunsidrat dan kollu din il-Qorti hija tal-fehma li fil-każ odjern ma jirriżultax li hemm xi ħsara rreparabbli għall-interessi vitali tar-rikorrenti.

L-Eżistenza Ta' Riskju Imminenti, Li Għalhekk Jimmerita T-Teħid Ta' Miżuri Urġenti:

Illi mill-fatti jirriżulta li l-qofol tal-ilment tar-rikorrenti huwa li jekk jitħallew jipproċedu l-miżuri ta' dixxiplina hemm ir-riskju li r-rikorrenti Picco u Zarb jistgħu jitkeċċew u li, jekk jiġri dan, il-preġudizzju li jistgħu jsofru ma jkunx jista' jiġi mreġġa lura .

Illi fir-rigward tal-kunċett ta' riskju imminenti l-Qrati tagħna fil-provvediment mogħti fl-24 ta' Settembru 2021 fl-ismijiet **Anna Vassallo gja Spiteri vs. Avukat tal-Istat** (Numru 454/2021) ikkwotaw is-segwenti:

> "Fil-ktieb ***"A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights"*** (4th Edition – Sweet & Maxwell) Karen Reid tgħid illi:
>
> *"As a general practice, measures (riferibbilment għal interim relief) are applied only where there is an apparent real and imminent risk of irreparable harm to life and limb ... While the procedure has been invoked in respect of other types of cases e.g. adoption of children, which may be arguably be of an irreparable nature, r.39 (riferibbilment għar-Rule 39 tar-Rules of Court tal-ECHR) has not been applied save in a few exceptional cases. Matters of detention or interference with property, for example, are not regarded as necessitating interim measures" (sottolinear ta' din il-Qorti).*
>
> *... it is only in cases of extreme urgency that interim measures are indicated: the facts must prima facie point to a violation of the Convention, and the omission to take the proposed measures must result or threaten to result in irreparable injury to certain vital interests of the parties or the progress of the examination!"."*[15]

[15] **Theory and Practice of the European Convention on Human Rights** (4th. edition – 2006) by van Dijk, van Hoof, van Rijn u Zwaak.

Illi, minn analiżi tal-fatti rigwardanti t-talba odjerna in eżami, ma jirriżultax li hemm "*an imminent risk of irreparable harm to life and limb*".

Fil-Każ Li Jkun Hemm Ġudikat, Xorta Jista' Jingħata R-Rimedju Proviżorju, Iżda Biss F'Każijiet Verament Eċċezzjonali:
Illi dan il-punt mhux applikabbli għall-każ odjern minħabba li sa dan il-mument il-proċeduri ta' dixxiplina għadhom ma nbdewx u l-proċess huwa ferm il-bogħod milli jasal fi stadju ta' ġudikat.

Illi in vista ta' dan il-Qorti ma tantx għandha wisq xi tgħid dwar l-element imsemmi għajr li meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad fir-rigward tal-elementi l-oħra u meħud in konsiderazzjoni wkoll dak li ngħad hawn fuq b'mod ġenerali, il-Qorti hija tal-fehma li miċ-ċirkostanzi fattwali li ġew ippreżentati quddiemha ma hemmx l-element ta' gravita' neċessarju li kieku kien jiġġustifika l-ħruġ ta' miżura proviżorja. Din il-Qorti qed tgħid dan minħabba li mill-fatti hekk kif ippreżentati quddiemha ma jirriżultax li hemm xi każ eċċezzjonali jew xi ċirkostanza insolita fil-konsiderazzjoni ġenerali ta' l-amministrazzjoni tal-ġustizzja li twassal lil din il-Qorti takkorda miżura proviżorja.

Illi b'hekk isegwi li l-ebda wieħed mill-elementi msemmija fil-provvediment fl-ismijiet **HSBC Bank (Malta) p.l.c. vs L-Avukat tal-Istat et** (Numru 227/2019) hawn fuq kwotat ma ġie sodisfatt. Għaldaqstant, in vista ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, il-Qorti ser tgħaddi biex tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' miżura proviżorja hekk kif mitluba fir-Rikors promutur.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ ta' miżura proviżorja *ossia interim measure* hekk kif mitlub fir-Rikors promutur u ċioé fejn intalab li l-Qorti tagħti ordni *ad interim* biex il-proċeduri ta' dixxiplina maħsuba kontra r-rikorrenti Picco u Zarb jiġu sospiżi sakemm jiġu finalment deċiżi l-proċeduri kostituzzjonali.

Bl-ispejjeż tal-proċedura odjerna qed jiġu riżervati għall-ġudizzju finali.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**